**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' April, 2017**

**Talba Nru: 90/2017PA**

**Gutenberg Press Ltd**

**VS**

**St. Catherine Caterers Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-13 ta' Frar 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallasha s-somma ta' elf disa' mija, ħamsa u għoxrin Ewro u tmenin ċenteżmu (€1,925.80ċ) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi ta' stampar mibjugħa, konsenjati u reżi lis-soċjeta' konvenuta fuq ordnijiet tagħha stess u li baqa' ma tħallasx, bl-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prospett anness sad-data tal-ħlas, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra bonarja datata 2 ta' Diċembru 2016, u tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment, u dan wara li s-soċjeta' konvenuta baqgħet ma ħallsitx minkejja li ġiet interpellata tagħmel dan.

Ra l-*Istatement* preżentat mis-soċjeta' attriċi bħala 'Dok.A' (fol.2) li juri li l-ħlas sħiħ dovut fis-27 ta' Jannar 2017 kien jammonta għal €1,925.80ċ, rappreżentanti t-total ta' erba' fatturi datati minn Awissu 2015 sa Novembru 2015; u l-kopja tal-ittra legali datata 2 ta' Diċembru 2016 (Dok.'B', fol.3) mibgħuta lis-soċjeta' konvenuta b'interpellanza għal dan il-ħlas.

Ra li s-soċjeta' konvenuta, debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, baqgħet ma ppreżentatx risposta, u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 2017, is-soċjeta' attriċi ppreżentat Kapitolu għas-subizzjoni tas-soċjeta' konvenuta, li bih riedet tipprova bil-ġurament tar-rappreżentant tagħha li hija debitur tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għas-subizzjoni tas-soċjeta' konvenuta.

Ra li, minkejja dan, is-soċjeta' konvenuta baqgħet ma dehritx biex tiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subizzjoni, u biex tikkontesta l-kawża.

Qies għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Ikkunsidra illi, għalkemm il-prova bil-mezz tas-subizzjoni għandha mill-ammissjoni tal-konvenut għat-talba kif impustata (ara **Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et**, Appell, 16.4.2004), it-Tribunal xorta waħda irid jikkunsidra jekk it-talba attriċi tinsabx suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta' probabilita', wara jqis il-provi kollha prodotti quddiemu.

Wara li qies il-provi prodotti mis-soċjeta' attriċi, u ra l-**art. 629(d)** tal-Kap. 12, it-Tribunal jinsab moralment konvint li t-talba tagħha tinsab suffiċjentement pruvata.

Kwantu għall-imgħax, għalkemm is-soċjeta' konvenuta hija kumpanija kummerċjali, billi s-soċjeta' attriċi naqset li tipproduċi kopja tal-fatturi imsemmija fl-*Istatement of Account*, u li kull waħda minnhom tiddetermina d-data meta l-ħlas kellu jiġi effettwat, u konsegwentement minn meta kellu jibda jiddekorri l-imgħax fit-termini tal-**art. 1141(1)** tal-**Kodiċi Ċivili** (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), u tirriżulta biss id-data tal-interpellanza legali (fol.3), it-Tribunal ser iqis din id-data bħala dik li minnha għandu jitqies li beda jiddekorri l-imgħax favur is-soċjeta' attriċi.

It-Tribunal lanqas ma għandu quddiemu prova tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li s-soċjeta' attriċi tgħid li ppreżentat kontra s-soċjeta' konvenuta dwar il-mertu ta' din l-azzjoni, u għalhekk lanqas it-talba biex is-soċjeta' konvenuta tiġi kundannata l-ispejjeż tiegħu ma tista' tintlaqa'.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' limitatament it-talba tas-soċjeta' attriċi, u jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallasha s-somma ta' elf disa' mija, ħamsa u għoxrin Ewro u tmenin ċenteżmu (€1,925.80ċ), bl-imgħax legali mit-2 ta' Diċembru 2016 sad-data tal-ħlas effettiv, u bl-ispejjeż tal-ittra legali tal-istess data.

L-ispejjeż tal-kawża jibqgħu a karigu tas-soċjeta' konvenuta.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**